**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 859/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**DION FARRUGIA**
**(ID: 436389M)**

**RAMSEY FARRUGIA**
**(ID: 265693M)**

**Illum, 9 ta' Lulju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **DION FARRUGIA** detentur tal-karta tal-identita' numru 436389M u **RAMSEY FARRUGIA** detentur tal-karta ta' l-Identita'numru 265693M tressqu quddiemha akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-11 ta' Ottubru 2015 u t-12 ta' Ottubru 2015 f'xi hinjiet wara l-10:30pm, gewwa l-istabbiliment 'Three Monkeys Bar' li jinsab fi Triq Farsons Hamrun u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Christopher Cardona minn Birkirkara f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-gisem tal-istess persuna skond ma ccertifikat Dr Daphne Gatt Reg [3689] mill-isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi uzaw armi irregolari/ tazzi oggetti ohra, fuq il-persuna ta' Christopher Cardona minn Birkirkara.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi hebbew ghal Christopher Cardona minn Birkirkara sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamlu lil Christopher Cardona minn Birkirkara ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Krminali.

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kisru volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat Ramsey Farrugia bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu, liema sentenzi illum huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Christopher Cardona tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta' April 2019 permezz ta' liema baghat lill-imputati Dion Farrugia u Ramsey Farrugia biex jigu aggudikati minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:-

Fil-konfront taz-zewg imputati:-

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), (b) u (d), u 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 339(1)(b)(d)(e) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 388(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront tal-imputat Ramsey Farrugia wahdu:-

1. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja minn din il-Qorti[1];

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] 4 ta' April 2019, a fol.501.

## PROVI

### L-Istqarrijiet tal-Imputati

Il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar il-prova konsistenti fl-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat Dion Farrugia fit-13 ta' Ottubru 2015[2] u fl-istqarrija li ttiehdet minghand l-imputat Ramsey Farrugia ukoll fit-13 t' Ottubru 2015[3]. Dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet, l-imputati, allura suspettati, ma kellhomx dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrijiet ittiehdu minghand l-imputati minghajr lanqas ma nghatawlhom id-dritt li jaghzlu li jkollhom l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[4] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[5], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm <u>dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija</u>, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[6], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh

[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 36 *et seq.* tal-atti – Dok. SZ1.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 40 *et seq*. tal-atti – Dok. SZ2
[4] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[5] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.

[6] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[7], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."* (sottolinejar tal-Qorti)

Illi fis-sena 2015, meta ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputati, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, ghaliex dak iz-zmien id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

[7] Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*[8]

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi, anke fil-kaz odjern fejn l-istqarrija taz-zewg imputati ttiehdet fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti, u huwa immaterjali l-fatt illi s-suspettat seta' zamm is-silenzju jew ma jkunx ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti waqt l-interrogazzjoni. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni minghajr dawk is-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ghandha titqies bi skrutinju strett fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna. Kif intqal ukoll recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Christopher Bartolo vs L-Avukat Generali et**[9]:-

"*F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor.*"

Mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq u ghat-thassir tal-process

[8] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.

[9] Deciza 5 ta' Ottubru 2018.

kollu, ma ghandhiex taghmel uzu mill-kontenut tal-imsemmija stqarrijiet tal-imputati meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tgharbel il-provi mressqa quddiemha biex abbazi tar-rizultanzi ta' dawn il-provi u minghajr ebda referenza ghat-twegibiet moghtija mill-imputati ghad-domandi li sarulhom waqt l-interrogazzjoni, x'kien l-involviment taghhom fl-incident li sehh bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru 2015 gewwa l-Hamrun fejn indarab gravi Christopher Cardona u jekk jistghux jinsabu hajta tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom.

**Provi Ohrajn**

Mill-*current incident report* esebit bhal Dok. SZ26, a fol. 47 *et seq*. tal-atti, jirrizulta illi l-imputati gew implikati bhala l-persuni li aggredixxu lil Christopher Cardona wara li Jean Pierre Farrugia, sid il-bar fejn sehh l-incident, informa lill-Pulizija illi Christopher Cardona kien cempillu u infurmah li gie aggredit minn Shavonne Aquilina, Ramsay Farrugia u Dion Farrugia.

Ix-xiehda li gew prodotti f'dawn il-proceduri xehdu hekk:-

**L-allegat vittma Christopher Cardona** li kien qed iservi bhala bar-tender fil-hanut bl-isem "Three Monkeys Bar" gewwa l-Hamrun fil-gurnata tal-incident in dizamina, ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri, u dan kemm fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2015 kif ukoll permezz ta' dikjarazzjoni li saret waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar 2016. Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2018, filwaqt li irribadixxa din id-dikjarazzjoni, l-istess allegat vittma iddikjara wkoll li qed jahfer lill-imputati ta' ghemilhom u jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront taghhom u xehed ukoll f'dan is-sens fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2018.

**Dr. Mario Scerri**, l-espert medikolegali mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, ikkonkluda fir-rapport tieghu[10] illi l-lacerazzjoni u l-frattura tal-*parietal bone* fuq in-naha tal-lemin tar-ras ta' Christopher Cardona, ghalkemm huma offizi gravi *per durata,* m'humiex in kombinazzjoni, kompatibbli ma' daqqa ta' tazza izda ma' *blunt trauma* li setghet tigi kkagunata minn tazza tqila bhal per ezempju tazza tal-birra.

**Dr. Antoine Zrinzo** xehed[11] illi l-frattura u t-ticrita kienu fil-qurriegha tar-ras tal-allegat vittma, u illi d-depression tal-frattura kienet fonda erba' millimetre, u dan skont kif rapportat minnu fir-rapport tieghu Dok. Z[12].

**Chavonne Aquilina** nghatat it-twissija[13] izda ma xehditx ghaliex gie dikjarat li seta' kien hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha dwar l-incident in dizamina.

**Jean Pierre Farrugia** xehed[14] illi meta huwa telaq mill-hanut ghall-habta tal-11.00 p.m. fil-11 ta' Ottubru 2015, kien hemm fost persuni ohrajn fil-hanut, iz-zewg imputati li gharafhom waqt id-depozizzjoni tieghu. Qal li l-imputati kienu qeghdin parti minn klikka ta' xi hames persuni ohra fil-hanut. Qal ukoll illi meta rega' mar fil-hanut wara li rcieva t-telefonata minghand Christopher Cardona, huwa ra lil dawn il-persuni barra l-hanut u regghu dahlu fil-hanut. Ghalkemm dan ix-xhud qal illi huwa kellu argument dak il-hin ma' xi hadd mill-persuni li kienu fil-hanut u anke imbotta lil xi hadd minnhom, huwa ma identifikax min kienet il-persuna li kellu dan l-argument mieghu.

L-istess xhud spjega kif fuq wahda mill-ixkafef tal-hgieg li hemm fil-hanut wara l-bar counter fejn iservi l-bar-man, il-fliexken tax-xorb kienu waqghu minn fuq l-ixkaffa u kien hemm hgieg ta' tazzi mkissrin fuq l-istess xkaffa. Qal izda, li l-

[10] Formanti parti mill-*proces-verbal* a fol. 81 *et seq.* tal-atti.
[11] Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018.
[12] A fol. 336 et seq. tal-atti.
[13] Seduta tal-14 ta' Gunju 2016.
[14] Seduta tas-16 ta' Frar 2016.

fliexken tax-xorb fuq l-ixkafef l-ohrajn kienu ghadhom f'posthom. Xehed ukoll li kien hemm tazzi miksurin mal-art u kullimkien u kkonferma illi huwa ma mess xejn qabel gew l-esperti forensici mahturin fl-Inkjesta u hadu r-ritratti. Il-qasma f'ras Christopher Cardona giet notata wkoll mix-xhud meta mar fil-hanut wara li cempillu l-istess allegat vittma u akkumpanjah il-Polyclinic.

**Joshua Scerri** li kien flimkien mal-imputati fil-hanut fejn sehh l-incident, xehed[15] illi nqala' argument verbali bejn Shavonne Aquilina li wkoll kienet parti mill-istess klikka tal-imputati, u l-persuna wara l-bar, Christopher Cardona. Qal ukoll illi huwa hareg 'il barra mill-istabbiliment kif beda jinbet dan l-argument verbali u kif hareg, sema' tazzi jitkissru u telaq minn fuq il-post. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax lill-imputati jargumentaw jew jekk rahomx jiggieldu, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

**P.S.11 Daniel Zammit** xehed[16] illi meta mar l-Isptar u kellem lil Christopher Cardona, dan tal-ahhar ikkonferma li kellu argument ma' klijenta tal-bar li identifikaha bhala l-kugina ta' Jean Pierre Farrugia[17], u spjegalu illi "*f'daqqa wahda wadbulu tazza u laqtuh go rasu.*" L-istess xhud ikkonferma wkoll illi l-allegat vittma Christopher Cardona kien insista mieghu illi bdew iwaddbulu tazzi izda ma qallux kif giet ikkagunata l-ferita fuq il-parti tal-lemin ta' rasu fuq wara u lanqas qallu illi t-tazzi li twaddbu gew minn quddiemu, minn faccata.

Dan l-istess xhud qal ukoll illi huwa tkellem ma' Jean Pierre Farrugia u dan indikalu li n-nies involuti fl-incident kienu Chavonne Aquilina, Dion Farrugia u Ramsay Farrugia[18].

---

[15] 14 ta' Gunju 2016.
[16] Seduta 14 ta' Gunju 2016.
[17] Jean Pierre Farrugia xehed illi Shavonne Aquilina hija l-kugina tieghu.
[18] Hawnhekk il-Qorti tosserva illi Jean Pierre Farrugia, apparti li ma kienx prezenti meta nqala' l-argument li wassal ghall-griehi sofferti minn Christopher Cardona, fix-xhieda tieghu imkien ma indika min kien involut fl-incident.

**Antida Farrugia** xehdet[19] illi l-imputati kienu qeghdin fi-hanut in kwistjoni jilaghbu l-billiards u illi hija kienet hemm flimkien mal-gharus taghha Joshua Scerri. Ix-xhud qalet li ma ratx x'gara fil-hanut ghaliex kienet barra fit-triq izda taf li kien hemm l-imputati gewwa u meta semghet storbju u ghajjat gewwa l-hanut, ma ratx min kien qed jghajjat u jaghmel dan l-istorbju u effettivament warrbet minn fuq il-post.

**Sean Gatt** li wkoll kien fil-hanut dakinhar tal-incident, xehed[20] illi kien hemm diversi nies fil-hanut fosthom l-imputati kif ukoll persuni ohrajn li ma jafhomx. Qal illi beda jinqala' argument fil-hanut u kien hemm diversi nies - "*il-hanut kollu*" - involut f'dan l-argument u kien hemm konfuzjoni kbira. Ix-xhud qal ukoll li ma setax jghid b'certezza min beda l-argument izda huwa hareg lil ohtu, Chavonne Aquilina, u lil Antida Farrugia 'l barra mill-hanut meta nduna li kienu qed joghlew l-ilhna u kien ser jinqala' xi argument.

**L-Ispettur Spiridione Zammit** xehed[21] illi fit-12 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tas-12.45 a.m., P.S.11 Daniel Zammit kien infurmat mill-Control Room li certu Christopher Cardona kien gie ammess l-Isptar ftit qabel, u kellu ferita f'rasu ta' natura gravi u kien fil-periklu tal-mewt. Huwa nizel l-Isptar u kellem lill-allegat vittma, Christopher Cardona li kellu riha ta' xorb fuqu u kien jidher xurban u infurmah li huwa kien il-bar man gol-hanut jismu Three Monkeys Bar fi Triq Farsons, Hamrun u kien intlaqat b'xi tazzi f'argument bejn grupp ta' hames guvintur. Qallu wkoll li kien ittiehed l-Isptar minn sid il-hanut certu Jean Pierre Farrugia u dan wara li kien cempillu wara l-incident. Skont ix-xhud, l-allegat vittma qal ukoll li mal-hames guvintur kien hemm certu Chavaun Aquilina.

L-Ispettur Zammit mar fil-hanut Three Monkeys Bar u sabu maghluq izda peress li nnota taqtir ta' demm fuq il-bankina barra l-hanut zamm il-Pulizija fuq il-post, huwa informa lill-Magistrat Inkwirenti u nfethet Inkjesta. Mill-indagni li huwa

[19] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2018.
[20] Seduta tal-21 ta' Jannar 2019.
[21] Seduta tal-24 ta' Settembru 2018.

ghamel irrizulta li l-imsemmija Chevaun Aquilina kienet fil-kumpannija ta' Dion Farrugia li gharfu bhala wiehed mill-imputati, li jigi huh l-imputat l-iehor Ramsey Farrugia.

Ix-xhud qal illi meta huwa rega' kellem lill-allegat vittma, huwa infurmah illi wiehed miz-zghazagh li kien waddablu t-tazza kien Dion Farrugia u qallu wkoll li ghandu tattoo partikolari fuq idejh li hija kollha kuluri u simboli. Qal ukoll li meta Christopher Cardona hareg mill-Isptar huwa rega' interrogah fid-dettall u qal li kien sab lil Chevaune mal-bar, qalilha biex tohrog 'il barra ghax bdiet taghmel xorb b'xejn lil shabha, bdiet targumenta mieghu, tefa' d-dawl tal-bar biex jibaghtha 'l barra ma' shabha izda kif beda jnehhi t-tazzi u jizbarazza zewg irgiel li huwa gharaf bhala Dion u Ramsey dahlu fil-bar, wiehed minnhom b'dik it-tattoo partikolari tefaghlu tazza u hadu fuq wara ta' rasu qat li kien wiccu lejn il-mera, daharu lejn il-bar u hass daqqa fuq rasu fuq wara, u hawnhekk hu qabad u tefa' t-tazzi kollha minn fuq il-bar ghal mal-art ghax beza'.

Ix-xhud qal ukoll li acceda fil-hanut wara li kien fetahlu s-sid, Jean Pierre Farrugia, biex il-hanut jigi ezaminat forensikament. Ra li kien hemm hgieg kullimkien mal-art, kemm wara l-bar kif ukoll barra u kien hemm hafna taqtir ta' demm gewwa. Qal li Jean Pierre Farrugia infurmah illi huwa kien halla l-allegat vittma flimkien ma' certu Simon Zammit wara l-bar u ma kienx prezenti meta gara l-incident. Qallu li jiftakar ukoll li halla lill-kugina tieghu Chavonne Aquilina ma' xi hames guvintur fuq il-post u ghall-habta tal-11.00 p.m. Christopher Cardona cempillu u qallu biex jigi ghax qala' daqqa ta' tazza u rritorna lura l-bar mal-gharusa tieghu fejn sab xi hames guvintur barra u lil Chris gewwa bid-demm kollu fuq wiccu u minn hemmhekk hadu l-Paola Health Centre.

Ix-xhud spjega wkoll illi meta kellem lil Chauvonne Aquilina, hija qaltlu li kienet fil-bar fil-kumpannija tal-boyfriend taghha Ramsey Farrugia u huh Dion, ma' huha Sean u l-gharusa tieghu Antida, kienu qed jixorbu u peress li gieli ghenet lill-kugin taghha wara l-bar, hija qabbdet u ghaddiet tazza lil Antida u meta hareg

Christopher Cardona mill-kcina huwa haseb li kienet qieghda taghti xorb b'xejn u beda jargumenta maghha. Ix-xhud kompla jispjega li Chauvonne qaltlu li f'dan l-istadju Antida harget 'il barra u l-barman kecca n-nies 'il barra wkoll u semghet hgieg jinkiser gewwa. Qaltlu wkoll li l-gharus taghha qalilha li kien sawwat lil Chris ghaliex kien ghadu kemm laqat lil huh b'xi tazza.

L-Ispettur Zammit xehed ukoll li kien interroga lil Simon Zammit li kien qed jghin lill-allegat vittma wara l-bar u ddikjara li kien fit-toilet u meta hareg sab lil Christopher Cardona jargumenta mal-persuni kollha, ma' dawn il-guvintur u Christopher qallu biex johrog lin-nies kollha 'l barra izda tnejn minnhom, wiehed minnhom Ramsey u iehor li ma qallux min kien, dahlu gewwa u meta Simon rega' dahal gewwa sab lil Christopher bid-demm ma' wiccu:

"*igifieri hu sab lill-guvintur barra, sab lil barman jargumenta mal-imputat u xi guvintur ohra, qalilhom biex johorgu kulhadd 'il barra, meta kien hareg barra ra tnejn dehlin fosthom lil Ramsay li jghidulu l-Bomblu, meta rega' dahal gobar sab lil Christopher hemm bid-demm kollu ma' wiccu.*"

**Neville Zammit** xehed[22] illi huwa infermier tal-emergenza, u fis-sena 2015 kien mar bl-ambulanza biex jigbor lil Christopher Cardona mill-Polyclinic tal-Furjana u jwasslu ghall-Isptar Mater Dei. Huwa ddeskriva l-qaghda tieghu bhala ESI2, cioe` qaghda kritika ghaliex kellu ferita gravi fuq wara ta' rasu li minnha kienet hierga hafna demm li ma setax jigi kontrollat.

Ikkunsidrat;

Mill-premess, il-Qorti fehmet illi t-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-akkuzi kontra l-imputati jinsabu mibnijin fuq l-allegazzjoni li Christopher Cardona wegga' gravi meta l-imputati jew wiehed minnhom tefghu tazza lejn rasu meta kien wara l-bar.

[22] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2018.

Il-verzjoni ta’ fatti li jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit hija illi zewg persuni, li l-allegat vittma identifikalu bhala Dion Farrugia u Ramsey Farrugia, dahlu fil-hanut Three Monkeys Bar wara li Cardona kien kecca lil kulhadd barra minhabba argument li kellu ma’ Chauvonne Aquilina, u wiehed minn dawn iz-zewg persuni waddablu tazza fuq wara ta’ rasu meta kellu dahru lejn il-bank tal-bar.

**L-EWWEL IMPUTAZZJONI**

Il-Qorti tibda billi tosserva, izda, illi l-kwadru ta’ dawn l-allegati fatti appena deskritti, **jirrizulta biss mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit u sa certu punt mit-testimonjanza ta’ P.S. 11 Daniel Zammit, u mhux minn xhieda testimonjali diretta ta’ persuni li kienu prezenti waqt li sehh dan l-incident**. Effettivament, ix-xiehda li tressqu mill-Prosekuzzjoni li kienu fil-hanut in kwistjoni dakinhar[23], filwaqt li lkoll xehdu li kien beda argument u kien hemm ghajjat u storbju u hgieg jinkiser u lkoll ikkonfermaw il-presenza taz-zewg imputati fil-hanut waqt li kien hemm dan l-argument qed isehh, baqghu qatt ma identifikaw lill-istess imputati bhala l-persuni li darrbu lil Christopher Cardona u effettivament hadd minn dawn ix-xiehda raw lill-imputati jkissru jew iwaddbu tazzi lejn l-allegat vittma. Kif rajna, Christopher Cardona l-allegat vittma nnifsu baqa’ ma xehedx f’dawn il-proceduri u sahansitra rrinunzja ghal kull azzjoni kriminali li seta’ jirrinunzja ghaliha fil-konfront tal-imputati u l-verzjoni tieghu tirrizulta biss mit-testimonjanza tal-Ispettur Spiridione Zammit li xehed dwar dak li kien intqal lilu mill-istess allegat vittma meta interrogah.

Ghalkemm l-istess Spettur xehed ukoll dwar dak li rrizultalu fil-kors tal-investigazzjonijiet u specifikatament dwar dak li ntqal lilu minn Chevaunne Aquilina, Jean Pierre Farrugia u Simon Zammit li kienu fuq il-post meta nqalghet

[23] Sean Gatt, Joshua Scerri u Antida Farrugia.

il-glieda li tat lok ghall-akkuzi odjerni u/jew raw u tkellmu lill-allegat vittma wara li safa aggredit, jirrizulta illi Chevaunne Aquilina ma xehditix minhabba li setghu ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront taghha in konnessjoni ma' dan l-istess incident, filwaqt li Simon Zammit, li allegatament kien qed jghin lil Christopher Cardona wara l-bar, ma giex imressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri biex jikkonferma dak li jaf dwar dak li sehh fil-hanut. Kwantu, imbaghad, ghal Jean Pierre Farrugia, dan ix-xhud fit-testimonjanza tieghu quddiem il-Qorti **baqa' ma affermax dak li allegatament kien qallu Christopher Cardona dwar min effettivament ikkagunalu l-griehi li soffra**, u ghalhekk it-testimonjanza tal-Ispettur Spridione Zammit fir-rigward m'hijiex sorretta minn dak li xehed l-imsemmi Jean Pierre Farrugia quddiem il-Qorti.

Mizmum ferm il-premess, il-Qorti ma tistax ma tqisx ix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit u ta' P.S. 11 Daniel Zammit, kwantu ghal dak li qalulhom il-persuni li gew interrogati izda li ma affermawx dik il-verzjoni quddiem il-Qorti, bhala xhieda fuq kliem haddiehor u bhala tali, ghalkemm hija ammissibbli, ma tistax isservi bhala prova tal-kontenut taghha izda biss tal-fatt illi jkun intqal dak il-kliem lix-xhud. Ghalkemm id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 dwar l-ammissibbilita` ta' xhieda fuq kliem haddiehor f'materji civili, huma rezi applikabbli f'proceduri kriminali bis-sahha tal-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9, il-Qorti fic-cirkostanzi ma tqisx illi ghandha taghti qies u valur probatorju lil xhieda fuq kliem haddiehor daqslikieku l-persuni li qalu dak il-kliem effettivament xehdu *viva voce* quddiemha, anke jekk il-kliem ikollu importanza sostanzjali ghall-meritu tal-kaz.

Il-Qorti tqis illi fi proceduri kriminali meta x-xiehda jistghu jew setghu jingiebu sabiex jixhdu quddiemha, u konsegwentement kien hemm mezz biex il-fatti jigu ppruvati sewwa xort'ohra minn xhieda fuq kliem haddiehor izda dawn il-persuni ma tressqux mill-Prosekuzzjoni bhala xiehda, m'huwiex bizzejjed illi, ghall-fini tal-prova tal-akkuzi, dan il-kliem ikollu importanza sostanzjali fuq l-akkuzi. Dan qed jinghad ghaliex il-principju procedurali fil-kamp kriminali illi x-xhieda

jinstemghu *viva voce* quddiem il-Qorti u fil-presenza tal-persuna akkuzata[24], huwa sagrosant u mehtieg fuq kollox in omagg u b'harsien tal-principju tal-ugwaljanza tal-armi li jifforma parti integrali mill-jedd fondamentali ghal smigh xieraq. Wara kollox, ir-regola bazilari tibqa' dejjem dik enuncjata mill-Artikolu 638(1) tal-Kap. 9, cioe` illi ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacjenti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti.

Evidentement din ir-regola ma gietx osservata fil-kaz odjern ghaliex il-persuni li ma xehdux biex jikkonfermaw dak li qalu fil-kors tal-investigazzjonijiet, salv ghall-allegat vittma, ma kienux persuni **li ma setghux jigu prodotti biex jixhdu minhabba li mietu jew ghax ma jistghux jigu rintraccati minkejja l-isforzi evidenti tal-prosekuzzjoni, jew ghaliex huma persuni marbutin b'xi sigriet professjonali**.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Janis Caruana**[25], dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni tal-persuna li kienet ghamlet rapport lill-Pulizija u dwar jekk l-okkorrenza wahedha hija biss *hearsay evidence* tal-fatt iddenunzjat, qalet hekk:-

"*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun* ***prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra.***" [enfazi ta' din il-Qorti]

Kif jghid il-Blackstone in propositu tar-regola kontra *hearsay evidence*:-

"*This rule has not been applied inflexibly and there are certain circumstances in which hearsay evidence is permitted under the ECHR. Nonetheless, Article 6(3)(d)*

[24] Artikolu 646(1) tal-Kap. 9.

[25] 14 ta' Mejju 2012.

*[ECHR] does embody the principle that there should be equality of arms between the parties before the court and this includes the right to advance and to challenge evidence in court.*
…
*But hearsay evidence must be kept within strict limits, 'having regard to the place that the right to a fair administration of justice holds in a democratic society, any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary.* ***If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied'*** *(Van Mechelen v Netherlands (1997) 25 EHRR 647 at [59]).*[26] [enfasi tal-Qorti]

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi fejn sejbien ta' htija jkun ibbazat esklussivament jew fi grad sostanzjali fuq verzjonijiet li jkunu nghataw minn persuna jew persuni li ma jkunux tressqu mill-Prosekuzzjoni bhala xiehda u b'hekk l-imputat ikun gie privat mill-opportunita` li jezaminahom[27], id-drittijiet tad-difiza jkunu qed jigu ristretti b'mod li mhux kompatibbli mas-salvagwardji tal-jedd ghal smigh xieraq provduti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni[28]. Konformement, tqis ukoll illi sabiex tista' sservi bhala fondament ghas-sejbien ta' htija b'mod sostanzjali jew esklussiv, din ix-xorta ta' xhieda ghandha dejjem tkun korroborata minn evidenza ohra li ssahhah u tissostanzja r-rizultanzi tal-*hearsay evidence*.

Ikkunsidrat;

Issa, jekk wiehed janalizza s-sitwazzjoni fil-kaz odjern, ghalkemm fid-depozizzjoni tal-Ispettur Spiridione Zammit u ta' P.S. 11 Daniel Zammit, l-imputati jew wiehed minnhom gew indikati bhala l-awturi tal-offizi perpetrati fuq il-persuna ta' Christopher Cardona, kif inghad dawn ix-xiehda tennew biss dak li skont huma intqal lilhom minn haddiehor. Applikat l-insenjament fuq citat, isegwi illi din id-depozizzjoni tikkostitwixxi prova li sar it-tali kliem lix-xhud, izda mhux prova li illi dak li qal l-allegat vittma jew persuni ohrajn huwa minnu u illi kienu l-imputati jew wiehed minnhom li waddbu tazza li kkagunat il-qasma f'ras Cardona,

[26] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. Vol 1: 147, page 395, 396.
[27] *"Hearsay evidence from witnesses who simply fail to appear at trial should rarely be relied upon":* **Delta v France** (1990) 16 EHRR 574.
[28] Il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Harsien tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

jew illi kienu l-imputati li effettivament wettqu r-reati addebitati lilhom - ghalkemm l-istess depozizzjoni tista' tintuza biex tikkorrobora provi ohra. Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax hlief tqis ix-xhieda tal-Ispettur Zammit u ta' P.S. 11 Daniel Zammit biss bhala prova ta' dak li ntqal lilu izda certament mhux bhala prova tal-verita` tal-kontenut tax-xhieda tieghu jew bhaala prova li dak li xehed effettivament sehh.

Ghalhekk meta l-Ispettur Zammit xehed illi Chavonne Aquilina qaltlu illi "*l-gharus taghha qalilha li sawwat il-Chris ghaliex kien ghadu kemm laqat lil huh b'xi tazza*", din ix-xhieda ftit li xejn tista' tinghata piz probatorju, u dan apparti li fl-ebda mument ma gie mfisser hawnhekk b'liema mod wiehed mill-imputati allegatament sawwat lil Christopher Cardona, wisq anqas illi dan l-agir kien kompatibbli ma' jew seta' wassal ghall-qasma f'ras l-imsemmi allegat vittma.

Bl-istess mod, ghalkemm dan ix-xhud xehed ukoll illi l-allegat vittma, Christopher Cardona, qallu li z-zewg imputati dahlu fil-bar waqt li kien qed jizbarazza u wiehed minnhom, li indika bhala Dion Farrugia, tefghalu tazza u hadu fuq wara ta' rasu, l-istess allegat vittma, kif rajna, baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri biex jafferma dak li ddeskriva lill-Ispettur waqt l-interrogazzjoni tieghu, oltre li huwa evidenti li din il-verzjoni tikkunstrasta b'mod assolut mal-verzjoni li tat Chauvonne Aquilina lill-Ispettur Zammit.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fix-xhieda tieghu l-Ispettur Zammit spjega illi huwa tkellem lil certu Simon Zammit li qallu illi meta l-allegat vittma kien kecca kulhadd 'il barra mil-hanut, huwa ra lil Ramsey Farrugia u persuna ohra li ma gietx identifikata minnu, regghu dehlin fil-hanut u kif dahal warajhom, ra lill-allegat vittma b'wiccu kollu demm. Izda kif rajna, din il-persuna li kienet xhud okulari tal-incident, baqghet ma tressqitx bhala xhud mill-Prosekuzzjoni biex jikkonferma din il-verzjoni. Dan in-nuqqas fil-fehma tal-Qorti, huwa wiehed gravi ghaliex evidentement din il-persuna setghet tghid min kienu l-persuni

prezenti fil-bar meta ndarab Christopher Cardona u possibbilment ukoll x'movimenti ra b'ghajnejh dak il-hin.

Ikkunsidrat;

Izda, il-fatt li hija mankanti x-xhieda diretta tal-allegat vittma kif ukoll testimonjanza ta' xiehda okulari li raw l-incident attwalment isehh, u l-fatt illi t-testimonjanza tal-Ispettur Spiridione Zammit u ta' P.S. 11 Daniel Zammit kwantu jikkoncerna l-movimenti tal-imputati u tal-mekkanizmu tal-incident li fih ndarab Christopher Cardona kif rakkontat lilhom minn diversi persuni fil-kors tal-investigazzjonijiet, hija biss prova ta' dak li ntqal lilhom mill-persuni li gew mitkellma minnhom, m'ghandux ifisser necessarjament li hija nieqsa prova sufficjenti tal-fatti li fuqhom huma bazati l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Dak li trid taghmel il-Qorti huwa li tgharbel l-atti u tiddetermina jekk fil-kumpless tal-provi kollha akkwiziti, hemmx bizzejjed evidenza biex issostni t-tezi tal-Prosekuzzjoni u tikkorrobora x-xhieda tal-Ispettur Spridione Zammit u xhieda ohra fuq kliem haddiehor, u li twassalha biex tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-offizi li garrab Christopher Cardona gew ikkagunati dolozament mill-imputati flimkien jew minn wiehed minnhom.

Il-Qorti rat ir-ritratti tal-hanut formanti parti mir-relazzjoni ta' PC 1525 Patrick Farrugia u P.C. 405 Jason Schembri[29] u tosserva illi minn dawn ir-ritratti jidher illi l-bank tal-bar in kwistjoni li allegatament kien warajh Christopher Cardona meta ntlaqat fuq rasu, huwa L-shaped u jinsab fir-rokna n-naha ta' gewwa b'mod illi l-klijenti jkunu mdawrin mal-istess bank. Dan ifisser illi t-tazza jew tazzi li allegatament twaddbu fid-direzzjoni tieghu waqt li kien wara l-bar, setghu nxtehtu kemm lateralment kif ukoll frontalment lejn l-allegat vittma.

[29] Senjatament ir-ritratti a fol. 211 sa 218 – Dok. PF.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi jekk verament, kif qal ix-xhud Jean Pierre Farrugia, ma ntmess xejn fil-hanut qabel ix-xena giet preservata mill-esperti forensici li hadu r-ritratti formanti parti mir-rapport Dok. PF[30], l-**istess ritratti ma juru ebda oggett fl-art wara l-bank tal-bar, la tazza u wisq anqas tazza kbira jew tqila u lanqas tracci jew tifrik ta' oggett simili**, li skont il-kostatazzjoni forensika maghmula minn Dr. Mario Scerri, seta' kien l-oggett li twaddab biex ikkaguna l-*blunt trauma* li wasslet ghall-frattura u lacerazzjoni f'ras il-bartender.

Il-Qorti tosserva wkoll illi kuntrarjament ghal dak li jirrizulta mit-testimonjanza senjatament ta' Jean Pierre Farrugia u tal-Ispettur Spridione Zammit, li qalu li kien hemm hgieg imkisser kullimkien fil-hanut, mir-ritratti ma jirrizultax li hemm dik il-kwantita` ta' hgieg ta' tazzi u fliexken imkissrin[31] u lanqas jirrizulta mill-istess ritratti li hemm xkaffa tal-hgieg imkissra u fliexken tax-xorb imkissrin fl-art wara l-bank tal-bar, kif fisser Jean Pierre Farrugia fit-testimonjanza tieghu. Effettivament ftit li xejn jirrizulta li hemm hgieg imfarrak fl-art, talanqas wara l-bank tal-bar[32].

Ikkunsidrat;

Sar ukoll ezami komparattiv kondott mill-espert Joseph Mallia mahtur mill-Qorti, bejn l-impronti digitali elevati minn fuq ix-xena tad-delitt u l-impronti digitali tal-imputati li ttiehdu quddiem il-Qorti[33], li minnu jirrizulta illi l-impronti tal-imputat Dion Farrugia gew ikkostatati fuq erba' tazzi li kienu fuq il-bar tal-hanut in kwistjoni, liema tazzi kif del resto jirrizulta mir-ritratti a fol. 426, 432, 438, 444 u 450 kienu kollha shah u cioe` mhux imkissrin. Izda fuq kollox, jirrizulta illi dawn it-tazzi lkoll gew deskritti, kif jidher mir-ritratti esebiti bhala fir-rapport Dok. JM1 bhala "*... tazza li kienet fuq il-bar tal-hanut.*"[34]

---

[30] A fol. 189 *et seq*. tal-atti.
[31] Ara ritratti a fol. 211 sa 213.
[32] Ara ritratti a fol 216, 217 u 218.
[33] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2018.
[34] Ara ritratti F4, F5, F16. F17, F28, F29, F40, F41, F52 u F53 fir-rapport Dok. JM1.

Minn dan il-Qorti ma tistax tislet xi konkluzjoni utili ghaliex il-presenza tal-imputat Dion Farrugia fil-hanut u l-fatt li kien qed jixrob hemmhekk ma huwiex kontestat u lanqas ma huwa inkriminanti fih innifsu. **Kieku t-tazzi bl-impronti ta' dan l-imputat kienu tazzi elevati mill-art wara l-bank tal-bar**, din il-prova cirkostanzjali, maghduda maghha xi provi ohrajn li jistghu jindikaw il-htija tieghu ghar-reat addebitat, setghet twassal lill-Qorti biex tikkonkludi illi dik it-tazza talanqas twaddbet mill-imputat, izda impronti digitali fuq tazza shiha li *multo magis* instabet **fuq il-bar** u mhux fl-art, ma jservu ghal ebda skop hlief biex jikkkonfermaw illi l-imputat kien qed jixrob fil-hanut in kwistjoni, izda xejn iktar minn hekk.

Mehud in konsiderazzjoni dawn ir-rizultanzi, jew in-nuqqas taghhom, u anke jekk wiehed jiehu qies ta' dak li ntqal minn Chauvonne Aquilina lill-Ispettur Spiridione Zammit, il-Qorti ma tistax teskludi illi l-ferita f'ras Christopher Cardona setghet giet ikkagunata minn oggett iehor li ma kienx it-tazzi li twaddbu f'wiccu.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi bhala parti mill-preservazzjoni tal-evidenza, gew elevati wkoll diversi kampjuni mix-xena tad-delitt sabiex isiru fuqhom testijiet u analizi ghall-presenza tad-demm u analizi tad-DNA[35], liema kampjuni ttiehdu minn diversi loqom ta' sigaretti; minn taqtir ta' demm u ticpis li kien hemm fit-triq u fuq il-bankina barra l-hanut in kwistjoni, fl-art gewwa l-hanut kif ukoll fl-art wara l-bar; minn frak ta' hgieg elevat mill-art tat-triq quddiem il-hanut; u minn fliexken tax-xorb li kienu wara l-bar. Billi huwa evidenti u mhux kontestat illi kien hemm diversi nies fil-hanut fil-hin tal-glieda[36] u li f'din il-glieda kien hemm involut iktar minn persuna wahda, is-sejbien tal-presenza tad-DNA ta' iktar minn persuna wahda fuq il-loqom

[35] Dan l-analizi sar minn Dr. Marisa Cassar li giet mahtura fl-Inkjesta Magisterjali – rapport Dok. MC1.

[36] Ara xhieda ta' Sean Gatt.

tas-sigaretti elevati mill-art gewwa kif ukolla barra l-hanut, m'huwiex sorpredenti anzi huwa konsistenti ma' dak li diga` jirrizulta mill-provi.

L-iktar konkluzjoni sinjifikanti ghall-Qorti hija illi d-DNA elevat mit-taqtir u ticpis hamrani fuq diversi fliexken li kienu wara l-bar, u d-DNA elevat minn frak tal-hgieg li nstab quddiem il-hanut, huwa x'aktarx tal-istess persuna, identifikata fir-Rapport Dok. MC1, bhala "Ragel A". Fil-fehma tal-Qorti din il-konkluzjoni hija konsonanti mar-rizultanzi tal-provi illi jistabbilixxu illi Christopher Cardona kien wara l-bar meta ntlaqat minn oggett illi kkagunatlu l-offizi ta' natura gravi konsistenti f'qasma fil-qurriegha ta' rasu, u illi d-demm li ccarcar mill-griehi f'rasu, spicca fl-art u fuq diversi fliexken wara l-bar. Il-fatt illi d-DNA tal-istess Christopher Cardona jirrizulta li nstab ukoll fuq frak tal-hgieg ezatt quddiem il-hanut in kwistjoni, huwa spjegat mill-fatt illi meta Christopher Cardona hareg mill-hanut biex jittiehed il-Polyclinic kien hemm hafna demm icarcar minn xaghru[37].

Madanakollu, il-konkluzjonijiet ta' dan l-analizi, apparti li jikkonfortaw l-indikazzjoni illi Christopher Cardona kien wara l-bar meta garrab ferita f'rasu li minnha carcret id-demm u l-prova illi, hekk midrub, kien hareg barra l-hanut biex jittiehed il-Polylinic, ftit jghinu lill-Qorti tasal ghal xi konkluzjonijiet determinanti dwar il-htija tal-imputati ghall-offizi gravi kkagunati f'ras Christopher Cardona.

Ikkunsidrat;

Mill-atti u precizament mill-provi indizzjarji hawn fuq indikati, hija biss il-presenza fizika tal-imputati fuq il-post tad-delitt fil-hin tad-delitt li jirrizulta ppruvata sodisfacjentement, izda dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita` ghaliex ma jirrizulta la minn provi testimonjali ta' xiehda okulari u lanqas minn provi cirkostanzjali illi kienu wiehed jew l-iehor mill-imputati li kkagunaw il-

[37] Ara xhieda Jean Pierre Farrugia, 16 ta' Frar 2016.

griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Cardona. Fl-istess waqt pero`, jirrizulta b'mod inkonfutabbli illi l-imsemmi Christopher Cardona garrab griehi ta' natura gravi bhala rizultat tal-incident li jirrizulta li sehh fil-hanut in kwistjoni fit-12 ta' Ottubru 2015. Izda, kif rajna, ma jistax jigi identifikat mill-provi b'xi mizura ta' certezza morali, min ikkaguna dawn l-offizi, jew jekk kien wiehed miz-zewg imputati jew iz-zewg imputati flimkien li effettivament ikkaguna l-griehi sofferti minn Christopher Cardona.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha tissenjala l-fatt illi ghalkemm setghet tinsab htija fl-imputati taht l-Artikolu 237 tal-Kodici Kriminali f'kaz li jigu ravvizati l-elementi kollha ta' glieda accidentali u kieku l-provi wrew inkonfutabbilment illi l-offiza gravi subita minn Christopher Cardona giet inflitta minn wiehed jew l-iehor mill-imputati izda ma jinsabx minn kien l-awtur, l-Avukat Generali naqas milli jindika l-imsemmi Artikolu 237 fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Kif inhuwa risaput, il-Qorti tista' issib htija biss ghal dak indikat lilha f'dina in-nota ghaliex hija marbuta b'dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi indikati lilha fin-nota ta' rinviju u xejn iktar[38].

Il-Qorti tqis ukoll illi lanqas jista' jsib riskontru f'dan il-kaz, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 467(3) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi hekk:-

*Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat,* ***jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi****.*

Dan qed jinghad mhux ghaliex dan il-provvediment legali mhuwiex applikabbli ghall-proceduri quddiem din il-Qorti bhala qorti ta' gudikatura kriminali, izda

[38] Ara fost ohrajn **Il-Pulizija vs Peter Borg**, Appell Kriminali deciz fl-10 ta' Novembru 2005.

ghaliex effettivament, f'dan il-kaz ma jirrizultax ippruvat li "*lkoll hadu part fir-reat bizzejjed biex taghmilhom komplici*." Kif rajna, il-provi akkwizi fl-atti ma jikkonvincux sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-ferita fil-parti ta' wara tar-ras tal-allegat vittma giet inflitta bit-tkissir u tixhit ta' tazzi minn wiehed jew l-iehor mill-imputati, ghaliex m'hemmx prova illi wiehed mill-imputati jew it-tnejn li huma, aggredixxu lil Christopher Cardona billi sawtuh fuq rasu jew waddbulu xi oggett bhal dak deskritt fir-rapport tal-espert medico-legali. Fi kwalsiasi kaz, il-*corpus delicti*, **l-oggett li kkaguna din l-offiza ma giex identifikat**. Ma hemm ebda accenn fl-atti li l-imputati waddbu tazza tal-birra, flixkun jew oggett tqil kapaci li jikkaguna l-*blunt trauma* li gie kostatat f'ras l-allegat vittma. Kif rajna, lanqas fir-ritratti formanti parti minn Dok. PF li ttiehdu fil-hanut biex tigi preservata x-xena tad-delitt, ma jidhru li hemm jew li kienu qed jintuzaw tazzi tal-birra.

Il-Qorti m'hijiex serja taghmel assunzjonijiet jew kongetturi biex tasal biex issib htija izda ghandha toqghod fuq dak li jirrizulta ppruvat mill-atti izda kif diga` nghad, fil-kwadru tal-fatti u l-provi li hemm fl-atti ma jirrizultalhiex li hemm provi sodisfacjenti li abbazi taghhom tista' ssib htija fl-imputati jew min minnhom ghall-griehi gravi li gew ikkostatati li gew subiti minn Christopher Cardona skont kif addebitat fl-ewwel akkuza.

Mizmum ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti thoss li hemm *a lurking doubt* dwar dak li effettivament ikkaguna l-qasma f'ras l-allegat vittma u dwar kif din giet imwettqa u minn min u dan id-dubju ghandu jmur favur l-imputati. Huwa evidenti illi l-katina ta' evidenza hija dghajfa wisq biex tghaqqad xi azzjoni specifika ta' wiehed mill-imputati mal-offizi mgarrba fuq il-persuna ta' Christopher Cardona u fl-assjem ta' dan kollu l-Qorti ma ghandhiex ghazla hlief illi tillibera liz-zewg imputati mill-htija ghar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

**IT-TIENI IMPUTAZZJONI**

Rigward it-tieni imputazzjoni li taddebita lill-imputati illi huma uzaw armi irregolari fuq il-persuna ta' Christopher Cardona, il-Qorti tosserva illi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali saret referenza ghall-Artikolu 64. Izda huwa evidenti illi din l-imputazzjoni ma taddebitax lill-imputati it-twettiq ta' reat *ut sic* ghaliex huwa evidenti illi l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 9 jipprovdi biss definizzjoni ta' arma regolari u arma irregolari. L-artikolu tal-ligi li jipotetizza reat ta' offiza gravi li tigi maghmula b'strument li jaqta' jew iniggez huwa l-Artikolu 217 izda l-Avukat Generali naqas milli jiccita dan l-artikolu fir-rinviju ghall-gudizzju. Fi kwalunkwe kaz izda, billi kif inghad il-provi ma jwasslux ghall-konvinciment morali li l-offiza gravi giet ikkagunata minn wiehed jew l-iehor mill-imputati, u kwindi mhux qed tinstab htija fl-istess imputati ghar-reat taht l-Artikolu 216 jew 218 tal-Kodici Kriminali, isegwi illi lanqas tista' tinstab htija ghall-uzu ta' arma irregolari fit-twettiq tal-offiza gravi li soffra Christopher Cardona.

**IT-TIELET U R-RABA' IMPUTAZZJONI**

Dawn l-imputazzjonijiet jaddebitaw lill-imputati r-reati kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(b)(d)(e) u (h) tal-Kapitolu 9.

Kwantu ghall-kontravenzjonijiet taht is-subincizi (d) u (e), billi evidentement il-parte civile Christopher Cardona irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati, l-azzjoni kriminali ghall-imsemmija reati kontravvenzjonali hija estinta.

Kwantu ghall-kontravvenzjonijiet taht is-subincizi (b) u (h) tal-istess Artikolu 339(1), ghall-istess ragunijiet moghtija riferibbilment ghall-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tqis illi hemm bizzejjed provi fl-atti li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija fl-imputati ghaliex ma hemmx provi sodisfacjenti la li heddew lil Christopher Cardona bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew waddbu dawn l-oggetti kontrih, u

lanqas illi hargu barra mill-qies fit-twiddib tal-imsemmija persuna. Fil-fatt, lanqas hemm prova li l-imputati widdbu lil Christopher Cardona.

Kif gia` nghad, il-Qorti mhix ser taghmel kongetturi dwar dak li seta' gara fil-hanut in kwistjoni meta ma hemmx evidenza bizzejjed biex fuqhom tigi fondata dikjarazzjoni ta' htija kriminali.

**<u>IL-HAMES IMPUTAZZJONI</u>**

L-imputati gew mixlija wkoll illi volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied a tenur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9. Mill-provi akkwiziti, ma hemm ebda evidenza li tikkorrobora x-xhieda fuq kliem haddiehor tal-Ispettur Spridione Zammit u l-Qorti ma tqisx li ghandha tistrieh unikament fuq din it-testimonjanza wahedha biex tasal ghal xi konkluzjoni dwar il-htija o meno tal-imputati. Ghalkemm jirrizulta mit-testimonjanza ta' Sean Gatt u ta' Antida Farrugia illi kien hemm kommossjoni fil-hanut in kwistjoni tant illi n-nies hargu 'l barra u telqu minn fuq il-post, ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi kienu l-imputati li kkagunaw din il-kommossjoni anke ghaliex mix-xhieda tal-Ispettur Spridione Zammit, Sean Gatt u ta' P.S. 11 Daniel Zammit, jirrizulta illi kien hemm iktar nies li setghu kienu involuti fil-frakass li evidentement tqajjem fl-imsemmi hanut.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx htija fl-imputati ghal dan ir-reat kontravvenzjonali.

Illi in vista ta' dak kollu fuq premess u deciz, l-imputat Ramsey Farrugia ma jistax jinsab hati li huwa recidiv la ai termini tal-Artikolu 49 u lanqas tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputati DION FARRUGIA u RAMSEY FARRUGIA hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom u ghaldaqstant tilliberahom minn kull htija u piena.**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Magistrat.**